MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2011

Numru. 930/2011

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Gary Mercieca, iben Joseph, imwieled Pieta' fis-7 ta' Awwissu, 1990, Karta ta' l-Identita numru 384390(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. fil-lejl ta' bejn is-27 u it-28 ta' Lulju, 2011 ġewwa ċ-ċimiterju li jinsab Triq Ħal-Tarxien, Gudja volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fil-qabar tal-familja Mifsud, liema ħsarat huma ta' aktar minn €1,164 għad-dannu ta' l-imsemmija familja u/jew persuna/i oħra;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel vjolazzjoni ta' qabar, jew post ta' dfin magħruf bħal hekk minn kulħadd;
3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi b'ġesti kasbart pubblikament ir-reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-reliġjon ta' Malta, inkella offenda r-reliġjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew il-ministri tagħha, jew kull ħaġa li tkun oġġett ta' devozzjoni tar-reliġjon Kattolika Apostolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss għad-devozjoni ta' din ir-reliġjon;
4. fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Lulju, 2011 u l-1 ta' Awwissu, 2011 ġewwa Triq Ta' Gidwet, Marsaskala volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara f'vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBJ 527, tal-għamla Skoda Felicia, liema ħsarat huma ta' anqas minn €1,164 iżda aktar minn €116 għad-dannu ta' Giorgina Theuma u/jew Ian Grech;

5. fid-29 ta' Lulju, 2011 uża xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika fornut minn impriza għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriza għall-użu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjoni elttronika jew inkella uża b'mod mhux kif imiss;
6. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Giorgina Theuma u Ian Grech weġġagħhom bi kliem, ġesti, b'kitba b'disinji jew b'xi mod ieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija titratta lil Gary Mercieca bħala reċidiv billi kiser il-provvedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Frar, 2010 fejn ġie liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, kemm waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 162, 163, 252(1) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 35(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni favur Giorgina Theuma u Ian Grech. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas hemm lok għall-aplikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------